Kunsill Lokali – Marsaxlokk – Local Council

MINUTI

Laqgħa tal-Kunsill Lokali MARSAXLOKK

# IS-SEBA' LEĠISLATURA

## Laqgħa Numru 64

It-Tlieta 18 ta' Diċembru 2018

Il-Kunsilli Lokali Marsaxlokk iltaqa' fl-Uffiċċju Amministrattiv tiegħu li jinsab fl-indirizz 2, Triq Vittorio Cassar, Marsaxlokk MXK1051, fil-5:00 ta' filgħaxija.

PREŻENTI:

Horace Gauci – Sindku
Steven Grech – Viċi Sindku
Stephen Caruana – Kunsillier
Daniel Zerafa – Kunsillier
Janice Chetcuti – Kunsilliera

UFFIĊJAL PREŻENTI:

Emma Vella – Segretarju Eżekuttiv

| | |
|---|---|
| 64.1 | Qari ta' ittri ta' apoloġiji |
| 64.1.1 | Ma kienx hemm. |
| 64.2 | Kunsiderazzjoni u approvazzjoni tal-Minuti |
| 64.2.1 | Kopja tal-Minuti tas-Seduta preċedenti innumerata 62 flimkien mal-kopja tas-Seduta b'Urġenza numru 63 kienet tqassmet lill-Kunsilliera qabel il-laqgħa u għaldaqstant il-minuti ittieħdu bħala moqrija. |
| 64.2.2 | Is-Sur Stephen Caruana ippropona u s-Sur Daniel Zerafa issekonda l-minuti tas-Seduti 62 u 63, li ġew approvati b'votazzjoni unanima fost dawk preżenti. |
| 64.3 | Komunikazzjonijiet mis-Sindku |
| 64.3.1 | Is-Sindku informa lill-Kunsilliera li nhar il-11 ta' Novembru 2018, kien attenda Konferenza Stampa rigward l-allokazzjoni tal-Kunsilli Lokali 2019, li nżammet mid-Dipartiment tal-Gvern Lokali. |
| 64.3.2 | Is-Sindku informa lill-Kunsilliera li nhar il-15 ta' Novembru 2018 attenda attività ta' tħawwil ta' siġar fil-Family Park f'Wied il-Għajn, li kienet organizzata mill-Assoċjazzjoni tal-Kunsilli Lokali f'għeluq il-25 sena tat-twaqqif tal-Gvern Lokali. |
| 64.3.3 | Is-Sindku informa lill-Kunsilliera li nhar is-16 ta' Novembru 2018 flimkien mas-Sur Steven Grech, is-Sur Daniel Zerafa, is-Sur Stephen Caruana u s-Sa Emma Vella attenda laqgħa ma' Projects Plus, il-Koperattivi tas-Sajjieda u mal-Perit responsabbli mill-pjanta tal-proġett tal-Magħluq f'Marsaxlokk. |
| 64.3.4 | Is-Sindku informa lill-Kunsilliera li nhar id-19 ta' Novembru 2018 flimkien mas-Sa Emma Vella attenda laqgħa mas-Sindku tal-Kunsill Lokali taż-Żejtun rigward implimentazzjoni ta' progett ġdid tar-roti fit-toroq. |
| 64.3.5 | Is-Sindku informa lill-Kunsilliera li nhar l-20 ta' Novembru 2018 attenda għal preżentazzjoni ta' fondi tal-libreriji pubbliċi lokali. |
| 64.3.6 | Is-Sindku informa lill-Kunsill Lokali li nhar il-21 ta' Novembru 2018 attenda l-laqgħa tar-Reġjun Xlokk. |
| 64.3.7 | Is-Sindku informa lill-Kunsill Lokali li nhar it-22 ta' Novembru 2018 attenda għal laqgħa ta' informazzjoni organizzata minn TM rigward s-*Cycling Policy*. |
| 64.3.8 | Is-Sindku informa lill-Kunsill Lokali li nhar it-23 ta' Novembru 2018 flimkien mas-Sur Steven Grech u s-Sa Emma Vella kien attenda għal laqgħa fl-MEIB rigward il-monti ta' nhar ta' Ħadd f'Marsaxlokk. Ġie maqbul li l-Pulizija kellhom jinfurzaw fl-immedjat fuq il-ħinijiet ta' filgħodu tal-monti. |
| 64.3.9 | Is-Sindku informa lill-Kunsilliera preżenti li nhar is-26 ta' Novembru 2018 flimkien mas-Sur Steven Grech, is-Sur Daniel Zerafa u s-Sa Emma Vella kien attenda għal laqgħa mad- |

| | |
|---|---|
| | Dipartiment tal-*Fisheries* u IM rigward iż-żona tal-Magħluq f'Marsaxlokk u ġew diskussi l-installazzjoni ta' servizzi ta' dawl u ilma (pillar boxes) fl-inħawi. |
| 64.3.10 | Is-Sindku informa lill-Kunsilliera li nhar is-27 ta' Novembru 2018 kien attenda seminar dwar is-saħħa u s-sigurtà fuq il-post tax-xogħol fil-Kunsilli Lokali. |
| 64.3.11 | Is-Sindku informa lill-Kunsilliera preżenti b'komunikazzjoni li ġiet mibgħuta lilu fir-rigward ta' nuqqas ta' qbil tal-ħinijiet tal-monti ta' nhar ta' Ħadd f'Marsaxlokk u ħabbar li d-data tal-votazzjoni għall-Konsultazzjoni Pubblika fil-lokalità ta' Marsaxlokk, hekk kif kien diġà miftiehem mal-Kunsilliera, ser tkun qed tinzamm fit-12 ta' Jannar 2019, bejn is-7am u s-7pm.<br><br>Il-Kunsill qabel unanimanet li l-process tal-Konsultazzjoni Pubblika għandu jinħadem minn nies ta' fiducja sabiex l-istess proċess isir kif suppost u jkun trasparenti għall-aħħar. |
| 64.4 | Tweġibiet għall-Mistoqsijiet tal-Kunsillieri |
| 64.4.1 | Is-Sur Stephen Caruana staqsa: "Biex il-*lines* il-bojod maqtughin ta' fejn is-*central strip* maġenb l-iSPAR isiru *parking spaces* minflok"? Wara diskussjoni libera ġie deċiż li dawn il-*parking spaces* għandhom isiru kif mitlub. |
| 64.4.2 | Is-Sur Stephen Caruana staqsa: "*One Way* Triq is-Salvatur?" Wara diskussjoni libera ġie deċiż li għandha tigi nstallata tabella tal-*One Way*. |
| 64.4.3 | Is-Sur Stephen Caruana staqsa: "Ħadid Triq San Franġisk ma' Triq l-Arżnell?" Wara diskussjoni libera ġie deċiż li din kellha tiġi diskussa wara li ssir spezzjoni fuq il-post. |
| 64.5 | Rapporti |
| 64.5.1 | - Permezz ta' korrispondenza datata 11 ta' Diċembru 2018 mingħand IM lil terzi persuni, il-Kunsill Lokali ġie infurmat b'rikjesta ta' kumpens ta' inċident ta' vettura li seħħ fi Triq Xrobb l-Għaġin f'Marsaxlokk nhar l-10 ta' Ġunju 2018. Wara diskussjoni libera ġie deċiż li l-Kunsill għandu jistenna korrispendenza diretta lilu qabel ma' jieħu azzjoni.<br><br>- Permezz ta' *email* datata 15 ta' Dicembru 2018 mibgħuta mingħand resident, il-Kunsill Lokali ġie infurmat li qed jintalab permess sabiex il-lanċa tiegħu titqiegħed fiż-żona tal-Magħluq għal perjodu qasir sakemm isiru xogħolijiet fuqha. Wara diskussjoni libera ġie deċiż li l-Kunsill m'għandux japprova l-ebda permess f'dan ir-rigward għax imur kontra l-*Bye-Law* tal-istess Kunsill.<br><br>- Permezz ta' korrispondenza datata 14 ta' Diċembru 2018 mibgħuta minn residenta, il-Kunsill Lokali ġie infurmat b'rikjesta sabiex tingħata aċċess għal *remote* tal-*barrier* tal-Pjazza sabiex anzjana familjari tkun tista' titwasal il-Pjazza bil-karozza f'ċirkostanzi varji. Wara diskussjoni libera ġie deċiż li ma għandha tingħata l-ebda *remote*.<br><br>- Permezz ta' *email* datata 20 ta' Novembru 2018 mibgħuta minn *Club*, il-Kunsilliera preżenti ġew infurmati b'rikjesta sabiex tintuża żona f'Marsaxlokk għal taħriġ partikolari. Wara diskussjoni libera ġie deċiż li għandha tintalab *site-plan* u permess tal-Pulizija qabel ma tittieħed deċiżjoni. |

| | |
|---|---|
| | - Permezz ta' *email* datata 26 ta' Novembru 2018 mibgħuta mill-Koperattiva tas-Sajd, il-Kunsill Lokali ġie infurmat b'talba ta' tankijiet għas-sajjieda sabiex jintrema l-iskart fihom. Wara diskussjoni libera ġie deċiż li għandha tinżamm laqgħa mal-kolletur il-ġdid tal-iskart qabel ma jitpoġġew it-tankijiet mitluba.<br><br>- Il-Kunsill Lokali iddiskuta l-applikazzjonijiet għal żvilupp bin-numri:<br>PA/01380/18, PA/03018/18, PA/05685/18, PA/09055/18, PA/09075/18, PA/10400/17, PA/10576/18, PA/10710/18, RG/04029/18, PA/10286/18, PA/10382/18, PA/10474/18, PA/10522/18, PA/05861/18, PA/08503/18, PA/01125/18, PA/10186/18, PA/03782/16, RG/02822/18, PA/09801/18, PA/09670/18, PA/09893/18, PA/09981/18, RG/03124/18, PA/01267/18, PA/03691/18, PA/08702/18, PA/09450/17.<br><br>Ġie deċiż illi ma kellha tinstab ebda oġġezzjoni għall-applikazzjonijiet hawn fuq imsemmija ħlief għal dik innumerata PA/01125/18 u li għaliha l-Kunsill Lokali kellu joġġezzjona. |
| *Il-ħin huwa 5:40pm u l-laqgħa ġiet temporanjament sospiża sabiex flimkien mal-kuntrattur tal-bini l-Kunsill Lokali tiġi diskussa s-sitwazzjoni tal-binja tal-Kunsill.*<br><br>*Il-ħin huwa 6:00pm u l-laqgħa tkompliet.* | |
| 64.6 | Mozzjonijiet |
| 64.6.1 | Ma kienx hemm. |
| 64.7 | Sejħiet għall-Offerti |
| 64.7.1 | - Is-Segretarju Eżekuttiv informa lill-Kunsilliera li ma kien hemm l-ebda appell għat-*tender* tal-iskart u tal-bandli ta' Ġnien il-Familja. Għaldaqstant il-kuntratti l-ġodda setgħu jiġu iffirmati.<br><br>- Is-Segretarju Eżekuttiv informa lill-Kunsilliera li t-*tender* tas-*Soft Areas* kien konkluż u ser jiġi iffirmat ukoll.<br><br>- Is-Segretarju Eżekuttiv informa lill-Kunsilliera li fil-jiem li ġejjin kien ser jiġi evalwat it-*tender* il-ġdid tal-*Public Conveniences* mill-bord tal-evalwazzjoni. |
| 64.8 | Binja tal-Kunsill |
| 64.8.1 | Is-Sindku flimkien mal-Kunsilliera preżenti iddisuktew is-sitwazzjoni tal-binja tal-Kunsill Lokali, kemm il-kera il-ġdida li ġiet mitluba mis-sid tal-propjetà sabiex tiżdied fil-prezz kif ukoll l-istruttura tal-ġebla u l-konkos tal-binja li ma tinstabx f'sitwazzjoni tajba.<br><br>Wara diskussjoni libera fejn ġew ikkunsidrati r-rapporti tal-Perit u tal-bennej konċernati, li wettqu spezzjonijiet u għamlu interventi fuq il-binja innifisha, ġie deċiż li għandha tinżamm laqgħa mal-Perit kif ukoll tiġi infurmata s-sid tal-projetà qabel ma jiġi iffirmat il-kuntratt il-ġdid li jiskadi fl-aħħar tas-sena 2018. |

| | |
|---|---|
| 64.9 | Performance Bonus Appraisals tal-impjegati |
| 64.9.1 | Il-Kunsilliera iddiskutew l-ħidma tal-ħaddiema amministrattivi għas-sena 2018 sabiex jiġi deċiżi u approvati l-*Performance Bonus Appraisals*.<br><br>Wara diskussjoni libera fos il-Kunsilliera preżenti ġie deċiż li l-*bonus* għandu jingħata komplut lill-ħaddiema kollha amministrattivi. |
| *Il-ħin huwa 6:20pm u s-Sur Steven Grech ħareġ mill-kamra tal-laqgħa tal-Kunsill.* | |
| 64.10 | Budget 2019 |
| 64.10.1 | Is-Segretarju Eżekuttiv ippreżenta l-Budget tal-Kunsill Lokali għas-sena 2019 lill-Kunsilliera preżenti u informahomli kollox kien ġie diskuss mas-Sindku u kollox ingħata kunsiderazzjoni.<br><br>Is-Sa Emma Vella talbet jekk kienx hemm kunsiderazzjonijiet f'xi tibdil jew oġġezzjonijiet għal dak ippreżentat. Wara diskussjoni libera, il-Budget 2019 ġie approvat hekk kif preżentat. |
| 64.11 | Laqgħa Ġeneral Annwali 2018 |
| 64.11.1 | Is-Segretarju Eżekuttiv fakkar lill-Kunsilliera preżenti li l-Laqgħa Ġenerali Annwali 2018 kellha tibda eżattament wara l-laqgħa preżenti tal-Kunsill Lokali, illum 18 ta' Diċembru 2018 fis-7:00pm, hekk kif kien ukoll ippublikat fuq il-gazzetti lokali inkluż fuq il-Gazzetta tal Gvern, u dan sabiex kulħadd ikun infurmat. |
| 64.12 | Rapport Amministrattiv 2018 |
| 64.12.1 | Is-Segretarju Eżekuttiv ippreżenta r-Rapport Amministrattiv 2018 tal-Kunsill Lokali ta' Marsaxlokk. Is-Sa Emma Vella spjegat il-ħidma ta' matul is-sena inkluż is-sitwazzjoni finanzjarja li hi waħda tajba ħafna. |
| 64.13 | Kunsiderazzjoni u approvazzjoni tal-iskedi ta' pagamenti |
| 64.13.1 | Is-Sindku poġġa fuq il-mejda tal-Kunsill Lokali skeda ta' pagamenti (Skeda nru. 12/18) għall-approvazzjoni. |
| 64.13.2 | Fuq mozzjoni tas-Sa Janice Chetcuti, issekondata mis-Sur Stephen Caruana, il-Kunsill Lokali unanimament approva l-iskeda ta' pagamenti li hi annessa u tifforma parti minn dawn il-minuti. |
| 64.13.3 | Is-Sindku poġġa fuq il-mejda tal-Kunsill Lokali il-lista ta' *petty cash* maħruġ matul ix-xahar ta' Novembru għall-approvazzjoni tal-Kunsill Lokali. |

| 64.14 | Tmiem tal-laqgħa u data tas-seduta li jmiss |
|---|---|
| 64.14.1 | Is-Seduta tal-Kunsill Lokali intemmet fis-7:00pm wara li ġiet eżawrita l-aġenda, u ġiet aġġornata għal nhar it-Tlieta 15 ta' Jannar 2018 fl-4:00pm. |

Konfermati, illum 15 ta' Jannar 2019.

IFFIRMATA

_________________
Horace Gauci
Sindku

IFFIRMATA

_________________
Emma Vella
Segretarju Eżekuttiv